MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 65/2007/1

**Michelina Bugeja bhala mandatarja tal-imsiefra Rose Enea,**
**Frank Vella, Joseph Vella, Anthony Vella, Margaret Cybulski, Charles Vella u Doris Apap**

**v.**

**Joseph Vella u b'digriet tas-16 ta' Novembru 2007 gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza in statu et terminis Antonia Spiteri u Carmela Debrincat**
**u b'digriet tas-16 ta' Novembru 2007 giet kjamata fil-kawza**
**Mary mart Joseph Vella u b'digriet tal-4 ta' April 2008**

**Emanuel Gauci gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza f'isem il-konvenut Joseph Vella u l-imsejha fil-kawza Mary Vella,**
**hekk kif awtorizzat bi prokura moghtija lilu mill-istess Joseph Vella u Mary Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-appellanti nomine tat-30 ta' Settembru 2010;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwaru;

Ikkonsidrat li r-rikorrenti nomine ma ddepozitatx l-ammont intaxxat tal-kawtela u garanzija tal-appell kif rikjest mil-ligi;

Ikkonsidrat ukoll li ghalkemm fir-rikors tal-appellanti nomine jinghad li r-rikorrenti m'ghandhiex disponibbli l-ammont intaxxat tal-kawtela kif inghad l-istess appellanti ma rrikorrietx ghar-rimedju previst fl-Artikolu 904(1) tal-Kap. 12;

Illi, fic-cirkostanzi ghalhekk dan l-appell irid jigi dikjarat dezert kif previst fl-Artikolu 209(1) tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti nomine u qeghdha tiddikjara dezert l-appell fl-ismijiet premessi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------